**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR 13/IX/2025**

**It-Tnejn, 7 ta' Lulju, 2025 fid-09:00**

**Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**Preżenti:**
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat – Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Assenti:**
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

**13.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**13.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

13.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**13.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

13.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 12 ġew iċċirkolati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

13.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

13.3.3 Il-membru Debrincat tkellem u qal li xtaq li kien hawn preżenti l-membru Buttigieg. F'minuta 12.3.7 Buttigieg qal kontra l-membri kollha u speċifikament semma l-membru Debrincat u akkużah. Debrincat qal li jekk Buttigieg ma jirtirax li qal f'din il-laqgħa, lest li jfittxu b'avukat u jiftaħ kawża l-Qorti fejn jittellgħu x-xhieda, inkluż il-membri ta' dan il-Kunsill.

13.3.4 Is-Sindku qal li lilu ħadd qatt ma qallu xejn simili kif akkuża Buttigieg fuq il-membru Debrincat.

13.3.4 Il-membri preżenti, kollha qalu li jaqblu mas-Sindku, li ħadd qatt ma semma u akkuża lill-membru Debrincat.

13.3.5 Debrincat ikkonkluda u qal li ilu 31 sena fil-Kunsill u qatt ma kien hemm istanzi fejn mexa b'mod mhux etiku u skorrett. Xtaq li kien preżenti l-membru Buttigieg sabiex jirrispondi.

---

13.3.6 B'konnessjoni ma l-aħħar laqgħa tal-Kunsill, is-Sindku qal li jħoss li hu doveruż jispjega rigward sitwazzjoni li nqalgħet xi ġranet ilu, mhux għax ġie mitlub jagħmel hekk imma b'rispett lejn il-membri tal-Kunsill. Qal li bħala Sindku tal-Belt li jimxi b'rispett totali lejn kull ċittadin u entita' Rabtija, kien qed jiġi attakkat fuq *Facebook* minn min m'għandux rispett lejn din il-kariga. Qal li seta' ħareġ t'eroj u tefa' wħud mill-membri tal-Kunsill lura, pero' l-membri tal-Kunsill għalih huma kollha membri ugwali u kollha kunsilliera tiegħu. Saru ħafna attakki anke' sistematiċi u diretti lejn il-Kunsill, b'aġenda speċifikata mmexxija fuq *Facebook* minn wara u anke' bil-fomm. Barra li hu Sindku, hu President tal-S.K.Victoria Wanderers. Tenna li avolja t-tim b'riżorsi limitati, jimxi b'rasu mgħollija peress li dejjem kien volontarju. L-ewwel paga li qatt daħħal apparti dik tal-*full-time* tiegħu kienet ir-rimunerazzjoni ta' Viċi Sindku. B'dinjita' la qatt m'għajjar lill ħadd fuq *Facebook* u anqas qatt għamel *likes* biex jiżżufjetta b'ħadd. Qal li ħadd ma jista' jċappsu fuq ħadd.

13.3.7 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li hu għamel *like* peress li jaqbel mal-istqarrija li saret mill-Victoria Hotspurs F.C. u mhux biex jiżżufjetta b'xi ħadd.

13.3.8 Is-Sindku qallu seta almenu ċempillu qabel u kien jiġi spjegat lilu eżatt x'ġara kif ħa jispjega issa. Is-Sindku spjega li dan ġara lil hinn mill-Kunsill. Sena ilu l-Victoria Hotspurs F.C. talbu sabiex jilgħabu fil-kampjonat ta' Malta u allura l-Malta Football Association (MFA) talbet il-kunsens tal-Gozo Football Association (GFA). Il-membri tal-GFA qablu kollha u l-Victoria Hotspurs F.C. rreġistraw mal-MFA u bdew jilgħabu Malta. Huwa minnu li fl-istatut tal-MFA u tal-GFA hemm li f'kull lokalita' ma jkunx hemm aktar minn tim tal-futbol wieħed. Dan minħabba fragmentazzjoni u r-riżorsi huma ftit. Pero' l-GFA għandha emenda li fir-Rabat jista' jkun hawn tlett timijiet. Dan billi dawn it-tlett timijiet kienu diġa' jeżistu u hekk l-GFA ma setgħetx taqla timijiet il-barra. Meta l-Victoria Hotspurs F.C. marru jilgħabu Malta, kien baqa' din l-emenda fil-GFA u kien hemm lok li jidħol tim ieħor mir-Rabat. Diġa' hawn problema ta' riżorsi bi tlett timijiet. Allura l-Oratory Youths F.C. resqet mozzjoni quddiem il-GFA fejn jiġi emendat li fir-Rabat ikun hawn żewġ timijiet u dan ma kien se jnaqqas l-ebda' unur lill-Victoria Hostpurs F.C. B'din il-mozzjoni qed jiġu salvagwardjati t-timijiet Rabtin. L-S.K.Victoria Wanderers issekondat din il-mozzjoni. Is-Sindku qal li l-attakki li saru jmorru lil hinn minn din id-deċiżjoni u b'mod viljakk l-attakki saru diretti u li jekk tiġi wiċċ m b'wiċċ ma jsirux. Jekk il-Victoria Hotspours F.C. jiddeċiedu li jiġu lura, ħadd m'hu ser iżommhom.

Terġa ssir t-talba lill-GFA u anke' li kieku kien baqa' l-emenda li fir-Rabat ikun hawn tlett timijiet, xorta trid issir talba.

13.3.9 Il-Viċi Sinkdu staqsa u qal li jekk fl-istatut tal-GFA issa hemm li żewġ timijiet biss jista' jkun hemm mir-Rabat, kif ser jiġu lura? Trid tinbidel ukoll din l-emenda taż-żewġ timijiet.

13.3.10 Is-Sindku qal li l-Hotspurs jafu li jekk ikunu jridu jiġu lura, jridu jitolbu l-permess tal-GFA u terġa tinbidel l-emenda taż-żewġ timijiet.

13.3.11 Is-Sindku tenna li l-immaniġġjar tal-parkeġġ fil-grawnd Leli Farrugia ġie salvagwardat, għax il-Victoria Hotspurs F.C. xorta għadhom maż-żewġ timijiet l-oħra u li ma saritx l-emenda fil-GFA setgħa jidħol ir-raba' tim.

13.3.12 Żied fuq il-messaġġi ta' *Facebook* u qal li saħansitra kien hemm min kiteb li s-Sindku tal-Belt Victoria qed joħnoq l-isport fir-Rabat. Qal li ilu minn ċkunitu nvolut b'mod volontarju fl-isport u prattikament ta ħajtu. Qal li ċerta persuni li heddew bil-messaġġi tagħhom, ġew mgħajta l-għassa tal-Pulizija. Rigward il-messaġġi li jikteb il-membru Buttigieg fuq *Facebook*, is-Sindku qal li hu mhux ser jaqa' fil-livell tiegħu anzi, bagħatlu ittra permezz ta' avukat biex jirtira dak kollu li kiteb. Jekk ma jirtirax ma jkollux triq oħra għajr li jfittxu bil-Qorti.

13.3.13 Is-Sindku kkonkluda u qal li japrezza l-appoġġ mill-membri Debrincat u Abela, avolja m'humiex tal-istess partit u mhux ser jinsa dan l-appoġġ. Qal ukoll li l-mibgħeda ġejja lil hinn mill-futbol.

13.3.14 Il-membru Debrincat qal li affari tal-futbol għandha tibqa futbol u mhux titħallat ma' affarijiet oħra bħall-Kunsill.

---

13.3.15 Il-minuti ġew approvati.

**13.4 Mozzjoni f'isem il-membri**

13.4.1 Mozzjoni numru 3 ma ġietx imressqa peress li l-proponent kien assenti.

**13.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

13.5.1 Is-Sindku qal li rċieva korrispondenza mill-kordinatur tal-Kultura fil-Belt ta' Granada fi Spanja, liema Belt ukoll applikat għall-Belt Kulturali Ewropeja 2031. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu juri l-interess fi skambji kulturali ma' din il-Belt.

13.5.2 Rigward l-impjegata li qedgħa taħt l-iskema CIES, is-Sindku għarraf lill-membri li d-Diviżjoni għal Gvern Lokali aċċettat li din tibda sservi fuq bażi *full-time*. Il-membri qablu li l-impjieg *full-time* jinbeda mill-1 ta' Lulju, 2025.

13.5.3 Is-Sindku ssuġġerixxa li jinbidlu l-bankijiet li hemm quddiem il-Banca Giuratale biex isiru bid-dahar. Il-membri qablu u għandhom jinġabu l-kwotazzjonijiet.

### 13.6 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti

Tressqet korrispondenza mingħand:-

13.6.1 id-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni Strategy & Support fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Il-Kunsill ġie mgħarraf li għadu kif ġie akkwistat il-permess għall-iżvilupp u l-*upgrade* tal-piċċ tal-boċċi ta' Triq it-Tabib Anton Tabone;

Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar-

13.6.2 Ċirkulari 3/2024 rigward proċedura standard għal talbiet ta' kumpens;

13.6.3 SPI/SCI/4/2023 – skema finanzjarja – Komunitajiet aktar Siguri u Organizzati. Ġiet approvata l-estensjoni għat-twettiq ta' dan il-proġett sa l-aħħar ta' Settembru 2025;

13.6.4 imġieba tal-membru Buttigieg waqt il-laqgħat tal-Kunsill. Id-Diviżjoni ssuġġeriet li l-Kunsill jista' jressaq rapport formali lill-Bord tal-Governanza. Il-membri preżenti qablu;

Reġjun Għawdex dwar:-

13.6.5 il-ħarġa ta' ktieb poetiku li jkun jinkludi poeżija minn kull lokalita' f'Għawdex. Il-membri qablu li tinħareġ sejħa għall-interess sabiex il-Kunsill jara jekk hemmx poeti Rabtin interessati;

13.6.6 Ġambori 2025 f'Għawdex. Din tkun immirata għal anzjani. Intalab lill-Kunsill sabiex jissuġġerixxi sala teatrali fejn tkun tista' ssir produzzjoni minn dawn l-anzjani fil-bidu ta' Diċembru 2025. Il-Kunsill ser jitlob lid-Direttur tal-Oratorju Don Bosco sabiex jara jekk ikunx interessat jofri s-sala tal-Oratorju Don Bosco;

13.6.7 it-tielet edizzjoni tas-*summer camp* għal-żgħażagħ Ukreni. Il-membri qablu li l-Kunsill jerġa jipparteċipa u jieħu ħsieb lil dawn iż-żgħażagħ fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu tal-20 t'Awwissu, 2025;

13.6.8 l-*e-bikes* li Reġjun Għawdex kien ta lill-Kunsilli. Dawk li ma laħqux tqassmu għandhom jiġu ritornati biex jintużaw minn Kunsilli oħra. Il-Kunsill tar-Rabat kien qassamhom kollha;

13.6.9 il-kordinatur proġetti HEiA rigward stedina għall-espressjoni ta' interess għall-kors b'xejn - Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar. Il-membri qablu li dan il-kors jerġa jiġi organizzat bejn Frar u April;

13.6.10 il-Perit tal-Kunsill fejn ġiet sottomessa l-applikazzjoni mal-ERA sabiex titneħħa siġra mejta tal-ewkaliptus li tinsab fil-bidu ta' Triq Wied Żejta;

13.6.11 Vintage Motors Festival 2025 fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li d-data ta' dan il-festival ma tistax tiġi mibdula għat-28 ta' Settembru li ġej. Issuġġerew li dakinhar tista' ssir wirja tal-vetturi tal-militar. Il-membri qablu.

13.6.12 Joe Camilleri li radd il-ħajr lill-Kunsill Lokali talli għoġbu jagħtih l-onorifiċenza 'Ġieħ il-Belt Victoria';

13.6.13 id-Direttur ta' Venscic Ltd. fejn ilmenta li wara li kien bagħat id-dettalji tas-servizzi li l-kumpanija tiegħu toffri fil-qasam tal-attivitajiet li jsiru fuq barra, il-Kunsill ma kienx talbu sabiex joffri prezzijiet tiegħu għall-attivita' li ġiet organizzata f'Jum il-Belt Victoria. Il-membri qablu li meta jintalbu kwotazzjonijiet simili din il-kumpanija tiġi nkluża;

13.6.14 il-Perit Xuereb rigward PA/02886/25 – fejn intalab il-kunsens tal-Kunsill sabiex quddiem il-ħanut 77, Triq Palma jitħalla spazju għall-imwejjed u siġġijiet. Il-membri ma qablux li f'din it-triq residenzjali jkun hemm lok għall-imwejjed u siġġijiet fuq barra quddiem dan il-ħanut;

13.6.15 mingħand żewġ residenti li joqgħodu fl-isqaq ta' Triq Mons. Ġużeppi Farrugia fejn ilmentaw rigward żewġ permessi tal-*one day events* li nħarġu mill-Kunsill biex jitpoġġew żewġt imwejjed fuq barra tal-ħanut *'Nomad Lounge'*. Is-Sindku qal li l-Kunsill qiegħed hemm għar-residenti u jekk jinħareġ permess ta' wieħed irid jinħareġ ta' kulħadd. Wara, r-residenti jispiċċa jaffaċjahom hu bħala Sindku. Jekk il-Kunsill jibda joħroġ il-permessi mingħajr ma jikkunsidra kull permess wieħed wieħed, it-talbiet ser jiġru bil-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal li ma jarax għalfejn il-Kunsill għandu jwaqqaf dawn dawn it-tip ta' *one day events* kollha. Tenna li hu kontra li żoni residenzjali jiġu disturbati, imma l-Kunsill għandu jevalwa l-applikazzjonijiet waħda waħda. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li kull talba għall-*one day event* li tidħol, tintbagħat lis-Supretendent tal-Pulizija qabel jinħareġ il-permess. Il-membri qablu li talbiet simili mingħand individwi/entitajiet privati għandu l-ewwel jarahom is-Sindku.

13.6.16 Tresqu l-minuti tal-laqgħa li saret mill-Kunsill ma' rappreżentanti tad-*Development Planning Fund* (DPF) fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar, il-kuntrattur tad-dawl li kellu l-offerta tal-bdil tal-fanali fiċ-ċentru tar-Rabat u l-Enġinier tad-dawl. Din il-laqgħa saret sabiex jiġi finalizzat dan il-proġett u finalment jiġi approvat il-pagament finali minn naħa tad-DPF.

13.6.17 Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lill-membri li daħlu €1,750 mill-iskema tal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar li jkopru parti mill-kunċert li sar fil-Knisja ta' Santu Wistin l-għada tal-Milied.

### 13.7 Immaniġġjar tat-traffiku

Tressqet korrispondenza mingħand Transport Malta (TM):-

13.7.1 fejn intalbu xi tibdiliet żgħar fil-pjanta tal-*one way* ta' Triq Sir Luigi Camilleri. Il-Perit tal-Kunsill ser jagħmel dawn l-emendi;

13.7.2 inħareġ il-permess għas-servizz ta' parkeġġ riservat permanenti quddiem 'Ave Maria' Triq il-Kapuċċini;

13.7.3 inħareġ il-permess għas-servizz ta' parkeġġ riservat permanenti quddiem 'Kestrel' Sir Paul Boffa,

13.7.4 dwar it-talba għall-*un/loading bay* quddiem il-ħanut 'Mixel' fi Triq taħt Putirjal, TM qablet mal-Kunsill' li diġa' hemm *un/loading bays* biżżejjed f'din it-triq;

13.7.5 fejn inħareġ il-permess sabiex isiru tabelli tal-i*speed limit* (40) u *slow signs* fi Triq Qasam San Ġorġ.

13.7.6 Il-membri qablu li ma ssirx *road hump* oħra fi Triq Pompei. Dan peress li l-unika risposta li l-Kunsill irċieva mingħand ir-residenti kienet li ma jaqbilx.

13.7.7 Ġie suġġerit lill-TM sabiex jekk hu possibli l-*one metre yellow lines* li saru biswit il-garaxxijiet fi Triq l-Universitas, jiqsaru xi ftit sabiex tkun tista' tiġi pparkjata karozza bejn dawn is-sinjali. It-triq hi wiesgħa biżżejjed biex min joħroġ minn ġol-garaxx ikollu fejn jikser xorta waħda.

13.7.8 Tressqet korrispondenza mingħand residenta fi Triq l-Universitas li qed tissuġġerixxi *traffic mirror* f'din it-triq u *road hump* fi Triq tal-Far. Il-membri ma sabux oġġezzjoni għall-mera u ntalab il-permess ta' TM. Rigwad ir-*road hump*, għandha tintbagħat ittra lir-residenti sabiex jagħtu l-veduti tagħhom, jekk jaqblux jew le, li din ir-*road hump* issir quddiem id-dar tagħhom.

13.7.9 Il-Viċi Sindku staqsa fuq il-*one way* li hemm maġenb 'Casa Amalia' fi Pjazzetta Patri Akkursju Xerri kantuniera ma Triq Alfons Maria Ħili. Il-membri ġew mgħarfa li din kienet saret b'dan il-mod wara konsultazzjoni ma' TM u mar-residenti u l-Kunsill kien evalwa sew is-sitwazzjoni qabel implimentha bil-permess ta' TM.

13.7.10 Il-membri qalbu li l-Kunsill jara x'vantaġġi hemm fil-grant maħruġa minn TM dwar installazzjoni ta' *racks* tar-roti li jkunu jinkludi stazzjonijiet ta' tiswija u faċilitajiet relatati.

### 13.8 *Playing Field – update*

13.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-preparamenti fir-rigward tal-BOQs daqt jiġu konklużi. Il-Perit lesta x-xogħol tiegħu u l-Inġinier qed jikkonkludi. Malli jkunu lesti, ssir preżentazzjoni quddiem il-Kunsilli u wara tkun tista' ssir l-applikazzjoni għall-fondi tal-proġett.

### 13.9 Proġett Pjazza Santu Wistin – *update*

13.9.1 Is-Sindku qal li l-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar kommess li jidħol għal dan il-proġett mal-Kunsill. Għandha ssir il-laqgħa mas-Sovrintendenza għal-Wirt Kulturali fejn il-Perit jispjega u jidħol fid-dettall tal-proġett. Minn hemm il-Kunsill ikun jaf kif għandu jimxi l-quddiem rigward dan il-proġett.

13.9.2 Il-Viċi Sindku qal li jekk jinstabu fdalijiet, il-Kunsill għandu jipproponi li dawn jiġu ntegrati fil-proġett. Il-membri qablu.

### 13.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti

13.10.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Lulju 2025, skont dokument A anness.

13.10.2 Il-membri qablu li jitħallas it-tieni pagament ta' €12,500 lil Reġjun Għawdex li jkopri parti mis-sehem tal-Kunsill sabiex jitħejja l-*bid book* tal-applikazzjoni għall-Belt Kulturali Ewropeja 2031.

### 13.11 Xogħolijiet oħra

13.11.1 Tressaq ir-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni tal-offerta tal-manteniment tal-latrini, VLC/01/2025. Il-bord qal li Savio Bugeja ġab l-aktar punti. Il-membri qablu li l-offerta tingħata lil dan il-kuntrattur.

13.11.2 Rigward il-problema tal-ħmieġ tal-ħamiem intalbet stima ta' kemm jiġu jiswew it-tankijiet fejn fihom isir għalf li permezz tiegħu jitnaqqas it-tkattir tal-ħamiem. L-istima ma tkunx tat-tankijiet biss, iżda t-tpoġġija tal-għalf kull xahar.

Il-membri qablu li:-

13.11.3 jerġgħu jitpoġġew żewġ bankijiet fejn blokk KA u KB f'taċ-Ċawla H.E. Dawn kienu inqalgħu qabel inbniet il-blokka l-ġdida.

13.11.4 jitranġa pajp tal-ilma li qiegħed ifixkel rampa ta' garaxx quddiem 72, fi Triq il-Belliegħa;

13.11.5 titranġa bankina bil-*bricks* quddiem 'Valley View', Triq is-Sagħtar';

13.11.6 issir bozza ġdida quddiem 'Madonna ta' Pinu', Triq Gedrin. Is-sid aċċettat li teħel il-bozza mal-propjeta' tagħha;

13.11.7 il-qsari li hemm fuq il-loġoġ ta' Pjazza San Ġorġ jerġgħu isiru bil-fjuri;

13.11.8 l-ikla ta' Jum il-Belt Victoria ssir bejn il-membri u l-istaff, fit-23 ta' Lulju, 2025;

13.11.9 il-Kunsill jgħin fl-organizzazzjoni ta' attivita' tal-anzjani fil-Bażilika ta' San Ġorġ, nhar it-Tnejn, 14 ta' Lulju, 2025. M'għandiex tinqabeż s-somma ta' €300;

13.11.10 spejjeż f'loġistika u organizzazzjoni għall-festi titulari m'għandiex tinqabeż s-somma ta' elf ewro għal kull festa;

13.11.11 tiżdied CCTV camera ma' dik li tkopri l-area tal-bring-in site fil-parkeġġ il-kbir ta'wara l-*bus terminus.* Dan intalab mill-LESA li tagħmel il-monitoraġġ tagħha bil-kamera eżistenti. B'kamera oħra iktar ikun hemm monitoraġġ effettiv. Għandhom ukoll jinżabbru s-siġar tan-naħa tal-grawnd Leli Farrugia u hekk ikun hemm iktar dawl mill-bozoz tat-triq;

13.11.12 F'din il-laqgħa ġiet mistiedna Davinia Galea minn ARC Research & Consultancy Ltd. li hi l-kumpanija mqabbda mill-Victoria 2031 Foundation sabiex tħejji l-*bid-book* għall-applikazzjoni tal-Belt Kulturali Ewropeja 2031. Saret preżentazzjoni ta' kif ser isir ix-xogħol ta' riċerka tal-*bidbook*. Il-membri qablu li għandha ssir rikjesta għal *direct order* mid-Diviżjoni għal Gvern Lokali, sabiex ikun jista' jsir il-pagament għas-servizzi li ser tagħmel din il-kumpanija. Dan kif diġa sar minn naħa ta' Reġjun Għawdex.

13.11.13 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni fuq il-ħmieġ li qed ikun ikkawżat mis-siġar ta' Pjazza Indipendenza. Qal li għandu jkun hemm programm ta' tindif aktar frekwenti. Is-Sindku qal li din tinkines kuljum mill-kenniesa tal-Gvern u l-Kunsill jaħsilha qabel kull attivita' u wara l-festi. Minn naħa ta' Eko-Għawdex, fix-xitwa tinħasel kull nhar ta' Ġimgħa.

13.12 **Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet f'nofsinhar u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, il-Ġimgħa, 22 t'Awwissu, 2025.

Brian Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv